

It-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017

P8_TA(2017)0477

Skema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS): tkompli tal-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021 *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021 (COM(2017)0054 – C8-0028/2017 – 2017/0017(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 369/22)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0054),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0028/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-31 ta' Mejju 2017⁽¹⁾,
 - wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Ottubru 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0258/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt⁽²⁾;
 2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2017)0017

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Diċembru 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2017/2392.)

⁽¹⁾ ĠU C 288, 31.8.2017, p. 75.

⁽²⁾ Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fit-13 ta' Settembru 2017 (Testi adottati, P8_TA(2017)0338).

It-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017

ANNEX TAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA**DIKJARAZZJONI MILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI**

L-eżitu tal-ħidma tal-ICAO fir-rigward l-implimentazzjoni tal-miżura globali bbażata fuq is-suq huwa kruċjali għall-effettività tagħha u għall-kontribuzzjoni futura tas-settur tal-avjazzjoni biex jinkisbu l-oġettivi skont il-Ftehim ta' Pariġi. Huwa importanti li l-istati membri tal-ICAO, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u s-soċjetà ċivili jibqgħu jkunu involuti f'din il-ħidma tal-ICAO. F'dan il-kuntest, ser ikun neċessarju li l-ICAO taġixxi bi trasparenza sħiħa u tagħmel kuntatt mal-persuni kkonċernati kollha biex tinformahom fil-ħin dwar il-progress u d-deċiżjonijiet.
